MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 359/2004

**Avviz numru 359/04 DM**

**JX Investments Limited**

**Vs**

**Page One Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tminn mitt lira Maltin (Lm2,800), rappresentanti arretrati ta' kera dovuta sat-30 ta' Gunju, 2004, u konsum tad-dawl u ta' l-ilma, tal-fond Penthouse, No. 3, Victoria Building, Triq l-Ghenieq c/w 21st September Avenue, Naxxar, lokat lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju numerat 1267/2004 JVA, u bl-imghax kummercjali, kontra

s-socjeta’ konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti naqsu li jidhru fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2004, biex jikkontestaw it-talba, fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2004, la deheru l-atturi u lanqas ma deheru d-difensuri taghhom izda deher rappresentant tas-socjeta’ konvenuta illi apparti illi nnega illi ghandu jaghti dak li hu mitlub mis-socjeta’ attrici meta rrispondi ghad-domandi in subizzjoni, huwa kkonferma illi bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta kien sar ftehim ta’ transazzjoni datat 12 ta’ Lulju, 2004, u kkonferma l-kopja esebita a fol. 10 u 11 tal-process.

Billi ghalhekk jidher illi din il-kawza giet transatta u kellha tigi ceduta mill-atturi wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap. 12, billi wara li ssejhet il-kawza tlett (3) darbiet deher biss rapprezentant tas-socjeta konvenuta assistit mid-difensur tieghu waqt li la l-atturi u lanqas id-difensur taghhom ma deheru, il-Qorti qeghda tillibera lill-kumpanija konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------